MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1338/2003

**Elia Psaila**
**vs**

**Carmen Seychell**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar mislufa "brevi manu" f'zewg okkazzjonijiet, ossija elf lira Maltija (Lm1,000.00) mislufa fl-10 ta' April, 2001, li kellha tithallas lura b'pagamenti mensili ta' sittin lira Maltija (Lm60.00) u li minnha fadal bilanc ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585). It-tieni somma ta' erba' mitt lira (Lm400) giet mislufa fl-10 ta' Novembru, 2001, u kellha tithallas lura b'pagamenti ta' tletin lira (Lm30) fix-xahar, u li minnha fadal bilanc ta' mitejn u hamsa u disghin lira (Lm295), b'kollox tmien mija u tmenin lira (Lm880);**

**Il-konvenuta waqfet milli thallas kwazi sena ilu, u ghalkemm interpellata ma ssaldatx dan id-debitu;**
**Bl-imghax legali mid-dati ta' kull self rispettiv u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri bonarji datati 29 ta' April, u 19 ta' Mejju, 2003, kontra l-konvenuta.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Elia Psaila li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00), bl-imghaxijiet legali mid-dati ta' kull self rispettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittri bonarji datati 29 ta' April, u 19 ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------